***Kunsill Lokali Ħamrun***
***683 A, Triq il-Kbira San Ġużepp,***
***Ħamrun***
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

Saret il-mitejn u tnejn u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun nhar il-Ħamis 30 ta' Settembru 2010 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

## 1. Preżenti

| | |
|---|---|
| Is-Sur Vincent Bonello | Sindku |
| Is-Sur Christian Sammut | Viċi Sindku |
| Dr. Johnaton Abela LL.D | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Judith Bernardette Bugeja | Kunsillier |
| Is-Sur Mario Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur Arthur Ellul | Kunsillier |
| Dr. Paula Mifsud Bonnici LL.D | Kunsillier |
| Is-Sur Cedric Valletta | Kunsillier |

## 2. Talba

Is-Sindku qal it-talba.

## 3. Approvazzjoni tal-Minuti

Il-minuti tal-mitejn u wieħed u tmenin laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħamrun ġew approvati unanimament.

## 4. Punti li joħorġu mill-Minuti

### *4.1 Proġett tas-Suq*

- Il-bieb tal-workshop tal-Kunsill ser jitwaħħal nhar it-Tlieta.
- Il-Kuntratt tal-*finishings* tal-Uffiċċju Amministrattiv ġie ffirmat u xogħolijiet bdew.

- Is-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u *Contracts Manager* tal-Kunsill iltaqgħa mal-Ingineer Vella biex jiġu finalizzati l-*ispecific conditions* tal-kuntratt għall-*finishings* tal-Parkegg. Id-dokument għandu jitlesta l-ġimgħa dieħla.

- Ġie deċiż li jitqabbad servizz ta' Awditur biex jippreżentaw rapport lill-Kunsill dwar l-aħjar metodu għat-tmexxija tal-parkeġġ.

Fis-5.45pm s-Sur C. Valletta daħal għal-laqgħa.

- Ġie deċiż li jinħarġu offerti għax-xiri ta' a*irconditions* u lift għall-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

- Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-pagament mill-MEPA taħt l-iskema tal-CPPS għandu jsir fil-ġranet li ġejjin.

- Il-Perit ta' F.Schembri & Sons informa lill-Kunsill li t-talba mressqa mis-Sur Falzon għal-ħlas għat-tindif ma gietx milqugħa għaliex ma kienx parti mill-ftehim. It-talbiet tas-Sinjura Azzopardi u s-Sur Mamo jeħtieġu aktar provi.

*4.2 Tberik ta' l-annimali*

Il-Kunsill irċieva ittra ta' ringrazzjament mill-Gwardjan tal-Kunvent tal-Franġiskani għall-appoġġ tal-Kunsill fl-attivita' tat-tberik tal-annimali li saret nhar il-Ħadd 19 ta' Settembru 2010. Il-Gwardjan issuġġerixxa wkoll li l-Quddiesa ta' Jum il-Ħamrun tibda ssir ukoll fil-Knisja ta' San Franġisk.

Il-Kunsill approva li s-sena d-dieħla l-Quddiesa ta' Jum il-Ħamrun issir fil-Knisja ta' San Franġisk.

*4.3 Palio*

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li għamel appuntament mal-Onor. Dr. Mario De Marco fil-5 ta' Novembru 2010 sabiex tiġi diskussa l-organizazzjoni tal-Palio fil-Ħamrun.

*4.4 Reference Framework for Sustainable Cities*

Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li attenda laqgħa fejn ġiet spjegata din l-għodda. Ġie ssuġġerit li jsir proġett fittizju għall-iżvilupp tal-*area* madwar l-iskola Maria Assumpta.

Fis-6.00pm s-Sur A. Ellul daħal għal-laqgħa.

*4.5 Town Twinning Conference*

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li l-Kunsill Lokali ta' Scilla kkonferma l-parteċipazzjoni tagħhom fit-*Town Twinning Conference*.

*4.6 Tismija ta' Triq għal-Profs. Guido De Marco*

Il-Kunsill iddeċieda li jirrakomanda biex il-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq jikkunsidra jbiddel l-isem ta' Triq Mountbatten għal-Triq Profs. Guido De Marco.

## 5. **Korrispondenza**

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-korrispondenza li rċieva l-Kunsill bejn is-27 ta' Awwissu u t-30 ta' Settembru 2010.

*5.1 Transport Malta – Bollard fi Triq Mikiel Anton Vassalli*

Il-Kunsilli ġie nfurmat li TM m'approvatx it-talba li jsiru Bollards fi Triq Mikiel Anton Vassalli quddiem il-cul-de-sac, iżda li ssir '*Keep Clear Bay'* minflok u titneħħa l-qasrija tal-konkos. Ġie deċiż li l-Kunsill jibgħat kopja tar-risposta lir-residenti konċernati.

*5.2 Soċjeta Mużikali San Ġużepp*

Il-Kunsill irċieva ittra ta' ringrazzjament mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp għas-support kontinwu li sabu mill-Kunsill waqt il-Festa San Gejtanu.

*5.3 Dipartiment għall-Gvern Lokali - Green Challange and Community Involvement Award*

Il-Kunsill iddeċieda sabiex jara jekk jistax jinkludi l-proġett ta' rijabilitazzjoni ta' Ġnien Oreste Kirkop f'din l-iskema.

Fis-6.20pm Dr. J. Abela daħal għal-laqgħa.

*5.4 Comune  di Carpineto Romano*

Il-Kunsill ġie nfurmat mill-Comune di Carpineto Romano li l-applikazzjoni li sottomettit lil-Unjoni Ewropeja għat-*Town Twinning Citizens Meeting* ma gietx approvata. Sadanittant s-Sindku nforma lill-Kunsill li l-istedina biex imorru tlett rappreżentanti tal-Kunsill Lokali Ħamrun għaż-żjara li għame il-Papa f'Carpineto fil-5 ta' Settembru waslet l-Uffiċċju tal-Kunsill fl-14 ta' Settembru 2010. Ġie deċiż li tintbgħat ittra lill-Carpineto Romano biex jiġi spjegat li ħadd m'attenda minħabba li l-inviti waslu wara d-data taż-żjara tal-Papa.

*5.5 One TV – Programm Televiżiv 'Sibtijiet Flimkien'*

Il-Kunsill iddeċieda li ma jipparteċipax fil-*quiz* li ser jixxandar fuq l-istazzjon One TV fil-programm televiżiv bl-isem ta' 'Sibtijiet Flimkien'.

*5.6 Latrina Pubblika fi Triq il-Ferrovija*

Il-Kunsill irċieva kopja ta' korrispondenza mingħand s-Supt. Magri u l-Kuntratturi Ronald u Christopher Bezzina dwar l-istat tal-latrina pubblika fi Triq il-Ferrovija. Il-Kuntrattur spjega li qed ikun hemm ħafna vandaliżmu minn persuni li qed jabbużaw mid-droga fil-latrina. Is-Supretendent spjega li huwa kien qed jieħu passi sabiex l-abbuż tad-droga f'dan il-post jitwaqqaf darba għal dejjem. Il-Kunsill iddeċieda li jsaqsi lis-Supretendent jekk ikunx hemm problema f'każ li l-Kunsill jagħlaq temporanjament il-latrina pubblika minħabba l-atti vandali.

*5.7 Transport Malta – Sleeping Policeman*

Il-Kunsill ġie nfurmat li TM approvat li ssir *Sleeping Policeman* fi Triq Kanonku Bonnici u tlett *Sleeping Policemen* fi Triq Farsons.

*5.8 Dipartiment għal-Gvern Lokali – Skema dwar Inizjattivi Sportivi*

Din il-korrispondenza ġiet riferuta lis-Sotto Kumitat responsabbli mill-Isport.

*5.9 Sur Salvu Bartolo – Kaxxa safra quddiem store*

Il-Kunsill irċieva talba mis-Sur Bartolo biex issir kaxxa safra quddiem *store* li għandu fi Triq Lord Byron, Ħamrun. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-*Transport Malta*.

*5.10 Residenti – Sleeping Policeman*

Il-Kunsill irċieva talba biex issir *Sleeping Policeman* fi Triq Qormi, Ħamrun. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-*Transport Malta*.

*5.11 Dipartiment għal-Gvern Lokali – Playground Safety Standards*

Il-Kunsilli Lokali ingħataw draft '*Playground Safety Standards Report'* għall-kummenti.

*5.12 Transport Malta - Reserved Parking Bay*

Il-Kunsill ġie mitlub minn TM biex iħassar r-*Reserved Parking Bay* tas-Sinjura Lucia Argentieri fi 20/2, Triq Censu Borg, Hamrun. Ġie deċiż li ssir verifikazzjoni jekk għadhiex toqgħod hemm qabel din titħassar. Ġie deċiż ukoll li ssir reviżjoni tar-*Reserved Parking Bays* kollha fil-Ħamrun.

*5.13 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Ikliet u riċevimenti*

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali ħareġ regolamenti dwar ikliet/riċevimenti organizzati mill-Kunsilli Lokali.

*5.14 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Premjijiet Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Interpriżi*

Is-Sur C. Valletta attenda laqgħa organizzata mid-Dipartiment dwar il-proċeduri għall-applikazzjonijiet għall-Premju Nazzjonali għall-Appoġġ lill-Intrapriżi'. Is-Sur C. Valletta spjega li ser jiprova jlaħħaq jimla applikazzjoni fejn ninkludu l-attivitajiet organizzati mill-Kunsill favur il-qasam Kummerċjali fosthom il-Palio, il-*Christmas Festival*, *Chocolate Festival*, Attivita tal-Karnival, is-*survey* tal-ħwienet, l-Informazzjoni fuq il-website, il-*Ħamrun Business Directory* u l-Proġett tal-parkeġġ.

*5.15 Inspire – Servizz ta' trasport*

Il-Kunsill ġie mitlub jisponsorja l-ħlas għal-trasport ta' studenti bi bżonnijiet speċjali mill-Ħamrun għall-Wied il-Għajn. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li tali ħlas mhux permess għaliex imur kontra ir-regolamenti finanzjarji.

*5.16 Little Sisters of the Poor – Parkeġġ Irregolari*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand is-Sorijiet iż-Żgħar tal-Fqar fejn ilmentaw li vetturi qed jipparkjaw quddiem il-grada prinċipali minkejja li hemm sinjal isfar. Ġie deċiż li l-Kunsill jirreferi din il-korrispondenza lill-Pulizija u jinforma lill-Madre biex meta jkun hemm vetturi pparkjati quddiem il-grada dawn jagħmlu rapport direttament lill-Pulizija.

*5.17 Transport Malta – One Way System fil-Qasam tal-Gvern tar-Rabbat*

Il-Kunsill ġie nfurmat li Transport Malta approvat l-iskema ta' *Traffic Management* fil-Qasam tal-Gvern tar-Rabbat.

*5.18 Transport Malta – Parking Bays fi Triq il-Kbira San Ġużepp*

Il-Kunsill ġie nfurmat li Transport Malta ma approvatx it-talba tal-Kunsill biex jitqassar is-*central strip* fi Triq Schembri u jiżdiedu *Parking Bays* fi Triq il-Kbira San Ġużepp faċċata ta' Triq Schembri sabiex ma jinħoloqx periklu għall-vetturi.

*5.19 Environmental Landscape Consortium Ltd – Landscaping ta' Roundabouts*

Il-Kunsill irċieva diżinji għar-*roundabouts* fi Triq il-Ferrovija u Triq Schembri. Aktar 'l quddiem ser jiġu preżentati stimi għad-diżinji proposti mill-ELC.

*5.20 Petizzjoni għal-Pedestrian Crossing – Triq il-Kbira San Ġużepp*

Il-Kunsill irċieva petizzjoni biex issir *Pedestrian Crossing* oħra fi Triq il-Kbira San Ġużepp fil-viċinanzi ta' Triq Kamelja. Ġie deċiż li din it-talba tiġi riferuta lill-TM.

*5.21 Kummissjoni Nazzjonali Persuni B'Diżabilita' – Rampa fi Triq Miggiani*

Il-KNPD ġibed l-attenzjoni li r-rampa li saret fi Triq Miggiani mhux kompluta u m'għandix il-*gradient* meħtieg. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-*Contracts Manager* biex jispjega r-raġuni għala qatt ma tista ssir skond il-*gradient* rakomandat mill-KNPD.

*5.22 Transport Malta – Single Yellow Line*

Transport Malta talbet lill-Kunsill biex tħassar is-*Single Yellow Line* li hemm fi Triq id-Duluri quddiem bieb numru 149 u tkabbar il-*Un/loading bay* għad-daqs stipulat fil-*'Car Parking Policy'*.

*5.23 Dr. Johnaton Abela – Ħadida fi Triq l-Għasafar*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand Dr. J. Abela fejn spjega li qed jirċievi diversi lmenti mingħand residenti għal-fatt li tneħħiet il-ħadida li kien hemm fi Triq l-Għasafar kantuniera ma' Triq Giovanni Barbara. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob lill-Transport Malta biex jikkunsidraw japprovaw li l-ħadida terġa' titwaħħal.

*5.24 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf*

Il-Kunsill ġie nfurmat li d-Dipartiment iddeċieda li jalloka s-somma ta' €300.00 bħala assistenza finanzjarja tal-Inizjattiva Premju Lokalitajiet Indaf.

Fis-7.15pm il-Viċi Sindku daħal għal-laqgħa.

*5.25 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Attivitajiet b'risq il-Community Chest Fund*

Il-Kunsilli Lokali ġew mitluba jorganizzaw attivita' b'risq il-*Community Chest Fund* bejn id-19 u l-21 ta' Novembru 2010. Il-Kunsilli mgħandux ippajanati attivitajiet f'dan il-perjodu iżda filkaż jista' jsir ġbir waqt iċ-*Chocolate Festival*.

*5.26 Dipartiment għall-Gvern Lokali – Korsijiet Life Long Learning*

Il-Kunsill Lokali ser jingħata l-ammont ta' €1,816.80 bħala finanzjament għall-korsijiet tal-Health, Well Being & Ageing u Taljan.

*5.27 Residenza San Vincenz – Attivitajiet*

Il-Kunsilli Lokali ġew imħeġġa jorganizzaw attivitajiet fit-teatru tar-Residenza San Vinċenz matul ix-xhur tax-xitwa.

*5.28 Sur Jason Taliana – Fuljett tal-Kunsill*

Il-Kunsill m'approvax li jċedi ż-żewġ paġni tan-nofs tal-fuljett tal-Kunsill.

*5.29 Luca Corporation Ltd – Ftuħ ta' ħanut fil-Ħamrun*

Il-Kunsill irċieva ittra mingħand il-kumpanija Luca Corporation Ltd fejn spjega li ser jiftaħ ħanut Pizza by Luca fi Triq Joe Sciberras. Huwa talab biex ipoġġi t-tankijiet tal-gas fuq il-bankina barra l-ħanut minħabba raġunijiet ta' saħħa u sigurta'. Huwa spjega wkoll li lest jagħmel xogħol ta' *embellishment* tal-inħawi madwar il-ħanut. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob il-parir tal-OHSA f'dan ir-rigward.

*5.30 Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ – Skema Xogħol fil-Komunita'*

Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ estendiet għall-sitt xhur oħra l-parteċipazzjoni tas-Sur Jesmond Camilleri fl-iskema Xogħol fil-Komunita'.

## 6. <u>Rapporti tas-Sotto Kumitati</u>

*6.1 Sotto Kumitat 1*

- Is-Sindku attenda laqgħa mill-Uffiċċju tal-President rigward il-*Fun Walk* li ser terġa' ssir din is-sena b'risq il-*Community Chest Fund*. Ġie deċiż li ssir stedina lill-Baned tal-Ħamrun biex jorganizzaw xi attivita' mużikali waqt li l-mixja tgħaddi mill-Ħamrun. Il-Kunsill għandu jara jistax issir xi attivita' bl-istandardi tal-Għaqdiet tal-lokal.

- Is-Sindku spjega li jeħtieġ li tiġi ċċarata l-pożizzjoni tal-Kunsill mal-Comune di Carpineto Romano. Il-Kunsill iddeċieda li jitlob kopja tal-applikazzjoni li ssottometta l-Comune di Carpineto Romano lill-UE għall-proġett li ma giex approvat. Dan sabiex jitpoġġa fil-file tal-Kunsill mad-dokumentazzjoni l-oħra relatata mal-ġemellaġġ.

- Il-Kunsill approva li jiġu ordnati tabelli meħtieġa biex jiżdiedu mat-tabelli eżisteni tal-parkeġġ bil-ħin biex jiġu evitati skużi li t-tabelli ma jidhrux.

- Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li kien qed jissuġġerixxi li s-Sinjura Fiorella Scicluna tattendi Kors tas-*Sage* organizzat mill-MCAST sabiex tkun tista' tibda tieħu ħsieb l-aġġornament tal-*accounts* tal-Kunsill fuq is-sistema tas-*Sage*. Il-ħlas għall-Kors kien ta' €295.00. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li s-Sinjorina Scicluna hija l-unika skrvana li għandha Matsec tal-*Accounts*. Il-Kunsill approva li jħallas għal dan il-kors.

*6.2 Sotto Kumitat 5*

- Il-Viċi Sindku spjega li qed isiru l-preparamenti biex issir *Car Wash Day* fil-Ħamrun flimkien ma' tqassim ta' flyers informattivi, twaħħil ta' *bins* u ħasil tal-pjazzez bħala parti mill-kampanja ta' tindif fil-Ħamrun.

- Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar il-fatt li membri tal-Kumitat Konġunt qed jibgħtu ittri lill-persuni li għandhom kontravenzjonijiet pendenti. Ġie deċiż li s-Sindku għandu jkellem lill-Uffiċċjal Awtorizzat biex naraw kif għandna nipproċedu.

*6.3 Sotto Kumitat 9*

Dr. J. Abela nforma lill-Kunsill li s-Seminar li kellu jattendi organizzat mill-MEPA, tħassar mingħajr ma ġew avżati l-parteċipanti.

*6.4 Sotto Kumitat 7*

Is-Sur C. Valletta nforma lill-Kunsill li jonqsu r-rapport tal-Perit Samuel Formosa u s-Sur Alfred Grech biex ikun finalizzat ir-rapport dwar żvilupp sostenibbli għall-Ħamrun.

*6.5 Sotto Kumitat 2*

Is-Sur A. Ellul nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa fl-uffiċċju tal-*Planning and Priorities Co-ordination Division* sabiex isir il-finalizazzjoni tal-applikazzjoni kif ukoll *progress report* tal-proġett relatat mal-korsijiet għal-NGO's. L-Uffiċċjal li miegħu saret il-laqgħa spjega li l-Kunsill m'għandux għalfejn jistenna li jiġi ffirmat il-*Grant Agreement* qabel joħroġ l-offerti relatati mal-proġett.

*6.6 Sotto Kumitat 4*

- Is-Sur M. Caruana nforma lill-Kunsill li kif kien approvat mill-Kunsill, nhar is-Sibt saret laqgħa oħra edukattiva dwar is-saħħa relatata ma' nutrizzjon tat-tfal fejn kien hemm attendenza ta' madwar 30 resident.

- Is-Sur M. Caruana nforma lill-Kunsill li l-applikazzjonijiet tat-tilqima ser jintlaqgħu sad-9 ta' Ottubru 2010 filwaqt li t-tilqima ser issir mill-infermiera voluntiera bejn it-8 u t-12 ta' Novembru 2010.

*6.7 Sotto Kumitat 3*

- Is-Sinjura C. Borg nfurmat lill-Kunsill li s-Sotto Kumitat qed jaħdem sabiex:
  -fid-9 ta' Ottubru ssir ħarġa għall-Għawdex;
  -fit-2 ta' Novembru ssir Quddiesa għall-Mejtin b'rabta mal-Kunsill;
  -fit-12 ta' Novembru ssir *Coffee Morning*

- Is-Sinjura C. Borg talbet sabiex il-Kunsill jiddeċiedi ser issir bix-shelter ta' Triq Atocia u l-Mappa ta' postijiet storiċi fil-Ħamrun. Il-Kunsill iddeċida li jibdew il-preparamenti sabiex issir talba għad-devoluzzjoni tas-Shelter u jiġu vvotati fondi għar-rijabilitazzjoni tiegħu matul is-sena d-dieħla.

## 7. <u>Mozzjoni 1/2010 – Servizz tal-Gwardjan Lokali</u>

Mozzjoni 1/2010 – is-Sur C. Valletta ressaq mozzjoni ref. 1/2010:

"Peress illi jidher ċar li l-Kunsill Lokali tal-Ħamrun reġa' ma għandux kontroll fuq il-kwalita' tal-Gwardjani Lokali li qed jintbgħatu fil-Lokal tal-Ħamrun,

U peress illi jidher ċar li l-Gwardjani Lokali mhux qed jirnexxielhom ikunu preżenti f'ċerti żoni tal-Lokal fejn jista' jkun li hemm ukoll bżonnhom,

U peress illi huwa rari ħafna li tara Gwardjani Lokali jsolvu problemi ta' traffiku meta dawn jseħħu ġewwa il-Lokal, eżempju tmexxija ta' traffic waqt tiġijiet u funerali, double parking ġewwa l-pjazez tal-Ħamrun u toroq arterjali etc..,

U peress illi qatt bħal dan iż-żmien ma kien hawn daqshekk ammont kbir ta' ħwienet għal kiri ġewwa l-lokal tal-Ħamrun, fejn dan jista' jkun wieħed mill-effetti tal-użu ħażin tal-Gwardjani Lokali matul dawn l-aħħar snin ġewwa l-Ħamrun taħt amministrazzjonijiet differenti,

U peress illi jidher ċar ukoll li kemm il-maġġoranza tas-sidien tal-ħwienet mhux qed jaqblu ma kif qed jintużaw il-Gwardjani Lokali ġewwa l-Ħamrun,

Għalhekk jiena Cedric Valletta waqt il-laqgħa tal-Kunsill msejħa illum is-26 ta' Awwissu, qiegħed nipproponi li għal perjodu ta' prova mill-lum sal-31 ta' Diċembru 2010

a. Il-Kunsill Lokali tal-Ħamrun jwaqqaf kompletament l-użu tal-Gwardjani Lokali jew li
b. Il-Ħin tal-użu tal-Gwardjani Lokali ġewwa l-Ħamrun jitnaqqas għall-ammont minimu possibli (eżempju mhux aktar minn siegħa kuljum) fil-ħinijiet u postijiet deċiżi u rregolati mill-Kunsill".

Din kienet issekondata mis-Sinjura J. Bugeja. Wara li saret diskussjoni ttieħed vot.

Il-mozzjoni ref. 1/2010 ma ġietx approvata b'erba' voti favur u ħames voti kontra.

Fid-8.45pm s-Sinjura J. Bugeja ġiet skużata.

## 8. Schedule of Payments

Il-Kunsilliera ngħataw kopja tal-lista tal-kontijiet li rċieva l-Kunsill sat-30 ta' Settembru 2010 (kopja mehmuża ma' dawn il-minuti).

Il-Kunsill approva unanimament il-ħlas tal-istess kontijiet.

## 9. Aġġornament

Fid-8.55pm il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 4 ta' Ottubru 2010 fil-5.30pm sabiex issir il-kontinwazzjoni.

______________________
Vincent Bonello
Sindku
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
Philip Massa
Segretarju Eżekuttiv
Kunsill Lokali Ħamrun

______________________
DATA